

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)
> [Latvia](#)

Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut
minn
Latvja

Latvja

Din it-taqsimha tipprovdilek informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ta' ġuriżdzjoni ġenerali fil-Latvja.

Qrati b'ġuriżdzjoni ġenerali: introduzzjoni

Fil-Latvja, is-setgħa ġudizzjarja hija eżerċitata mill-qrati distrettwali u tal-belt, mill-qrati reġjonali, mill-Qorti Suprema u mill-Qorti Kostituzzjonali (u, fl-istati ta' emerġenza jew waqt xi gwerri, mill-qrati militari), li l-qrati ta' ġuriżdzjoni ġenerali tagħhom huma l-qrati distrettwali u tal-belt, il-qrati reġjonali u l-Qorti Suprema.

Il-proċedimenti ċivili u kriminali fil-Latvja jstgħu jinstemgħu f'dawn il-qrati, li huma maqsuma fi tliet livelli:

1. il-qrati tal-belt jew il-qrati distrettwali (*rajonu (pilsētu) tiesas*);
2. il-qrati reġjonali (*apgabaltiesas*);
3. Id-Dipartiment tal-Kawżi Ċivili (*Civillietu departaments*) u d-Dipartiment tal-Kawżi Kriminali (*Kriminālietu departaments*) tal-Qorti Suprema (*Augstākās tiesa*).

Il-ġuriżdzjoni territorjali tagħhom hija stabbilita fid-Deċiżjoni [dwar il-qrati, il-ġuriżdzjoni territorjali tagħhom u l-post fejn jinsabu](#) (*Lēmums par tiesām, darbības teritorijām un atrašanās vietām*).

Il-qrati tal-belt u l-qrati distrettwali u l-ġuriżdzjoni territorjali tagħhom

Nru Qorti

1. Il-Qorti ta' Daugavpils (*Daugavpils tiesa*)

2. Il-Qorti Distrettwali ta' Kurzeme (*Kurzemes rajona tiesa*)

3. Il-Qorti ta' Rēzekne (*Rēzeknes tiesa*)

Territorji amministrattivi

1.1 Il-muniċipalitè ta' Augšdaugava

1.2 Il-Belt ta' Daugavpils

1.3 Il-muniċipalitè ta' Krāslava

1.4 Il-muniċipalitè ta' Līvāni

1.5 Il-muniċipalitè ta' Preiļi

2.1 Il-muniċipalitè ta' Dienvidkurzeme

2.2 Il-muniċipalitè ta' Kuldīga

2.3 Il-Belt ta' Liepāja

2.4 Il-muniċipalitè ta' Saldus

2.5 Il-muniċipalitè ta' Talsi

2.6 Il-Belt ta' Ventspils

2.7 Il-muniċipalitè ta' Ventspils

3.1 Il-muniċipalitè ta' Balvi

3.2 Il-muniċipalitè ta' Ludza

3.3 Il-muniċipalitè ta' Rēzekne

3.4 Il-Belt ta' Rēzekne

- | | | |
|----|--|--|
| 4. | Il-Qorti Distrettwali ta' Riga (<i>Rīgas rajona tiesa</i>) | 4.1 Il-muniċipalità ta' Ādaži
4.2 Il-Belt ta' Jūrmala
4.3 Il-muniċipalità ta' Ķekava
4.4 Il-muniċipalità ta' Mārupe
4.5 Il-muniċipalità ta' Olaine
4.6 Il-muniċipalità ta' Ropaži
4.7 Il-muniċipalità ta' Salaspils
4.8 Il-muniċipalità ta' Saulkrasti
4.9 Il-muniċipalità ta' Sigulda |
| 5. | Il-Qorti Distrettwali ta' Vidzeme (<i>Vidzemes rajona tiesa</i>) | 5.1 Il-muniċipalità ta' Alūksne
5.2 Il-muniċipalità ta' Cēsis
5.3 Il-muniċipalità ta' Gulbene
5.4 Il-muniċipalità ta' Limbaži
5.5 Il-muniċipalità ta' Madona
5.6 Il-muniċipalità ta' Smiltene
5.7 Il-muniċipalità ta' Valka
5.8 Il-muniċipalità ta' Valmiera
5.9 Il-muniċipalità ta' Varakļāni |
| 6. | Il-Qorti Distrettwali ta' Zemgale (<i>Zemgales rajona tiesa</i>) | 6.1 Il-muniċipalità ta' Aizkraukle
6.2 Il-muniċipalità ta' Bauska
6.3 Il-muniċipalità ta' Dobele
6.4 Il-muniċipalità ta' Jelgava
6.5 Il-Belt ta' Jelgava
6.6 Il-muniċipalità ta' Jēkabpils
6.7 Il-muniċipalità ta' Ogre
6.8 Il-muniċipalità ta' Tukums |

Il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Qorti tal-Belt ta' Riga hija t-territorju amministrattiv tal-Belt ta' Riga.

Il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Qorti Ekonomika hija t-territorju kollu tar-Repubblika tal-Latvja.

Il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Qrati Reġjonali

Nru Il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Qorti Reġjonali	Qrati tal-belt jew qrati distrettwali
Il-Qorti Reġjonali ta' Kurzeme (<i>Kurzemes</i>	
1. <i>apgabaltiesa</i>)	1. Il-Qorti Distrettwali ta' Kurzeme 2.1 Il-Qorti ta' Daugavpils
2. Il-Qorti Reġjonali ta' Latgale (<i>Latgales apgabaltiesa</i>)	2.2 Il-Qorti ta' Rēzekne 3.1 Il-Qorti tal-Belt ta' Riga (<i>Rīgas pilsētas tiesa</i>) 3.2 Il-Qorti Distrettwali ta' Riga
3. Il-Qorti Reġjonali ta' Riga (<i>Rīgas apgabaltiesa</i>)	3.3 Il-Qorti Ekonomika
4. Il-Qorti Reġjonali ta' Vidzeme (<i>Vidzemes apgabaltiesa</i>)	4. Il-Qorti Distrettwali ta' Vidzeme
Il-Qorti Reġjonali ta' Zemgale (<i>Zemgales</i>	
5. <i>apgabaltiesa</i>)	5. Il-Qorti Distrettwali ta' Zemgale
Il-Qorti Reġjonali Amministrattiva (<i>Administratīvā</i>	
6. <i>apgabaltiesa</i>)	6.1 Il-Qorti Distrettwali Amministrattiva (<i>Administratīvā rajona tiesa</i>)

Il-proċedimenti amministrattivi jinstemgħu mill-

- qorti distrettwali amministrattiva (li l-bini tal-qrati tagħha li jinsabu f'Riga, f'Jelgava, f'Liepāja, f'Rēzekne u f'Valmiera)
- Il-Qorti Reġjonali amministrattiva
- Id-Dipartiment tal-Kawżi Amministrattivi (*Administratīvo lietu departaments*) tal-Qorti Suprema.

Il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-Qorti Reġjonali Amministrattiva u tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva tkopri t-territorju amministrattiv kollu tal-Latvja. Il-Qorti Distrettwali Amministrattiva għandha ħames binjiet tal-qorti, waħda f'kull reġjun ġudizzjarju, jiġifieri waħda f'Riga, waħda f'Jelgava, waħda f'Rēzekne, waħda f'Valmiera u waħda f'Liepāja.

Il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qorti tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva

Nru Qorti

Territorji amministrattivi

- | | |
|---|--|
| 1. Qorti ta' Riga tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva | 1.1 Il-muniċipalitè ta' Ādaži
1.2 Il-Belt ta' Jūrmala
1.3 Il-muniċipalitè ta' Ķekava
1.4 Il-muniċipalitè ta' Mārupe
1.5 Il-muniċipalitè ta' Ogre
1.6 Il-muniċipalitè ta' Olaine
1.7 Il-Belt ta' Riga
1.8 Il-muniċipalitè ta' Ropaži
1.9 Il-muniċipalitè ta' Salaspils
1.10 Il-muniċipalitè ta' Saulkrasti
1.11 Il-muniċipalitè ta' Sigulda |
| 2. Il-qorti ta' Jelgava tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva | 2. Il-muniċipalitè ta' Aizkraukle
2.2 Il-muniċipalitè ta' Bauska
2.3 Il-muniċipalitè ta' Dobele
2.4 Il-muniċipalitè ta' Jelgava
2.5 Il-Belt ta' Jelgava
2.6 Il-muniċipalitè ta' Jēkabpils
2.7 Il-muniċipalitè ta' Tukums |
| 3. Il-qorti ta' Rēzekne tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva | 3. Il-muniċipalitè ta' Augšdaugava
3.2 Il-muniċipalitè ta' Balvi
3.3 Il-Belt ta' Daugavpils
3.4 Il-muniċipalitè ta' Krāslava
3.5 Il-muniċipalitè ta' Līvāni
3.6 Il-muniċipalitè ta' Ludza
3.7 Il-muniċipalitè ta' Preiļi
3.8 Il-muniċipalitè ta' Rēzekne
3.9 Il-Belt ta' Rēzekne |
| 4. Il-qorti ta' Valmiera tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva | 4. Il-muniċipalitè ta' Alūksne
4.2 Il-muniċipalitè ta' Cēsis
4.3 Il-muniċipalitè ta' Gulbene
4.4 Il-muniċipalitè ta' Limbaži
4.5 Il-muniċipalitè ta' Madona
4.6 Il-muniċipalitè ta' Smiltene
4.7 Il-muniċipalitè ta' Valka
4.8 Il-muniċipalitè ta' Valmiera
4.9 Il-muniċipalitè ta' Varakļāni |
| 5. Il-qorti ta' Liepāja tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva | 5. Il-muniċipalitè ta' Dienvidkurzeme
5.2 Il-muniċipalitè ta' Kuldīga
5.3 Il-Belt ta' Liepāja
5.4 Il-muniċipalitè ta' Saldus
5.5 Il-muniċipalitè ta' Talsi
5.6 Il-muniċipalitè ta' Ventspils
5.7 Il-Belt ta' Ventspils |

Il-ġuriżdizzjoni skont is-suġġett

Skont il-[Liġi dwar il-proċedura kriminali](#) (*Kriminālprocesa likums*), qorti tal-belt jew qorti distrettwali tisma' l-proċedimenti kriminali kollha bħala l-qorti tal-prim'istanza.

Il-Qorti tal-Belt ta' Riga għandha ġuriżdizzjoni bħala qorti tal-prim'istanza fi proċedimenti kriminali li fihom l-atti tal-kawża jirreferu għal materji ta' segretezza tal-Istat. Fil-qorti distrettwali jew tal-belt, il-proċedimenti kriminali jinstemgħu minn imħallef wieħed. Jekk il-proċedimenti kriminali jkunu partikolarment kumplessi, il-president tal-qorti tal-prim'istanza jista' jiddeċiedi illi l-proċess jinstema' minn bord ta' tlieta mill-imħallfin ta' dik il-qorti.

Appell skont il-proċedura għall-appelli (*apelācija*) minn sentenza ta' qorti distrettwali jew tal-belt jinstema' minn qorti reġjonali bħala qorti tal-appell.

Appell fil-kassazzjoni (*kasācija*) fuq punt tal-liġi kontra deċiżjoni ta' kwalunkwe qorti inferjuri jinstema' mid-Dipartiment tal-Kawżi Kriminali tal-Qorti Suprema.

L-appelli kriminali, kemm jekk ikunu appelli sħaħ kif ukoll jekk ikunu appelli fil-kassazzjoni, jinstemgħu minn bord ta' mħallfin.

Skont il-[Liġi dwar il-proċedura ċivili](#) (*Civilprocesa licuma*) il-proċedimenti huma kkunsidrati fil-prim'istanza minn qorti distrettwali jew tal-belt.

Il-Qorti tal-Belt ta' Riga teżamina kawżi li fihom l-atti jirreferu għal kwistjonijiet ta' segretezza tal-Istat u kawżi rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tal-privattivi, id-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti, it-topografija ta' prodotti semikondutturi, disinji, trademarks, marki ta' ċertifikazzjoni u indikazzjonijiet ġeografiċi, flimkien ma' kawżi dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, il-protezzjoni tad-drittijiet *sui generis* ta' dawk li jagħmlu l-bażijiet tad-*data* u tal-proċedimenti li jikkonċernaw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali mill-akkwist, l-użu u d-divulgazzjoni illegali. Jekk il-kawża inkwistjoni tinvolvi talba relatata ma' talba f'kawża li tkun fil-ġuriżdizzjoni jew tal-Qorti tal-Belt ta' Riga, jew ta' qorti distrettwali jew tal-belt, jew anke kontrotalba quddiem qorti distrettwali jew tal-belt li tkun fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Belt ta' Riga, huwa f'idejn il-Qorti tal-Belt ta' Riga li tikkunsidra l-kawża.

Skont il-[Liġi dwar il-privattivi](#) (*Patentu likums*), il-Qorti Reġjonali ta' Riga tisma' l-kawżi li ġejjin li jikkonċernaw il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet fi proċedimenti ċivili bħala qorti tal-prim'istanza:

- kawżi dwar ir-restawrazzjoni ta' drittijiet ta' privattiva;
- kawżi dwar id-dikjarazzjoni ta' privattiva bħala nulla;
- kawżi dwar id-drittijiet ta' użu minn qabel;
- kawżi dwar l-użu illegali ta' privattiva (il-ksur ta' privattiva);
- kawżi fejn il-ksur ta' privattiva jinstab li jkun null u bla effett;
- kawżi dwar l-għoti ta' liċenzja, id-dispożizzjonijiet kuntrattwali ta' liċenzja jew il-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet;
- kawżi dwar id-dritt għall-kumpens minħabba li invenzjoni ma tkunx tista' tintuża pubblikament.

Skont il-[Liġi dwar id-disinji](#) (*Dizainparaugu likums*), il-Qorti Reġjonali ta' Riga tisma' t-tilwim li ġejj dwar il-protezzjoni legali tad-disinji bħala qorti tal-prim'istanza:

- tilwim dwar ir-rikonnoxximent tar-reġistrazzjoni ta' disinn bħala null;
- tilwim dwar sejba li r-reġistrazzjoni ta' disinn hija invalida;
- tilwim dwar l-użu illegali ta' disinn (vjolazzjoni ta' disinn);
- tilwim dwar l-għoti ta' liċenzja, id-dispożizzjonijiet kuntrattwali ta' liċenzja jew il-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Il-kawżi li jikkonċernaw id-drittijiet suġġetti għal tilwima eżaminata mill-Bord tal-Appell dwar il-Proprietà Industrijali huma kkunsidrati mill-Qorti tal-Belt ta' Riga.

Il-Qorti tal-Belt ta' Riga toħroġ ordnijiet ta' eżekuzzjoni għal atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-kawżi li jirrigwardaw is-sottomissjoni ta' opinjoni lil qorti barranija f'kawżi li jikkonċernaw wild minuri li jkun qed jiġi ttrasferit illegalment lil hinn mill-fruntiera lejn pajjiż barrani jew li jkun qed jinżamm f'pajjiż barrani, meta l-

post ta' residenza tal-wild minuri jkun fil-Latvja, jiġu eżaminati mill-Qorti tal-Belt ta' Riga.

Il-kawżi li jikkonċernaw wild minuri li jkun qed jiġi ttrasferit illegalment lil hinn mill-fruntiera lejn il-Latvja jew li jkun qed jinżamm fil-Latvja, meta l-post ta' residenza tal-wild minuri jkun f'pajjiż ieħor, jiġu eżaminati mill-Qorti tal-Belt ta' Riga.

Il-qrati distrettwali jew tal-belt jisimgħu wkoll kawżi dwar ir-reġistru tal-artijiet. Fl-2019, bħala parti mit-titjib fis-sistema tal-qrati, il-qrati distrettwali jew tal-belt ħatru wkoll 72 imħallef tat-taqsimi tar-reġistru tal-artijiet, li żammew l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.

Il-Qorti Reġjonali ta' Riga għandha ġurisdizzjoni bħala qorti tal-prim'istanza fi proċedimenti ċivili li fihom l-atti tal-kawża jirreferu għal materji ta' segretezza tal-Istat. Fil-qorti tal-prim'istanza, il-kawżi ċivili jinstemgħu minn imħallef uniku, filwaqt li fl-appell (appell sħiħ jew appell fil-kassazzjoni) dawn jinstemgħu minn bord.

Il-partijiet fil-kawża jistgħu jippreżentaw appell kontra s-sentenza (jew is-sentenza anċillari) tal-qorti tal-prim'istanza, iżda l-prosekutur jista' joħroġ biss appell straordinarju f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-taqsimi, ħlief minn sentenzi li bil-liġi ma jistgħux jiġu appellati.

Is-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza mogħtija abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 30.4 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili u s-sentenza (sentenza anċillari) tal-qorti tal-appell jistgħu jiġu appellati mill-partijiet fuq punt ta' liġi skont il-proċedura ta' kassazzjoni, iżda l-prosekutur jista' jippreżenta biss appell straordinarju fil-kassazzjoni.

Kawżi dwar ksur tal-liġi amministrattiva jinstemgħu minn qrati distrettwali jew tal-belt u mill-qrati reġjonali li għandhom ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kriminali. Skont il-Liġi Latvjana dwar l-Akkontabilità Amministrattiva (*Latvijas Administratīvās atbildības likums*), deċiżjoni adottata minn awtorità oġġla tista' tiġi kkontestata f'qorti distrettwali jew tal-belt. Deċiżjoni ta' mħallef tal-qorti distrettwali jew tal-belt tista' tiġi appellata quddiem qorti reġjonali, jekk dan ikun previst b'mod espliċitu mill-Kodiċi Latvjan dwar il-Ksur tal-Liġi Amministrattiva. Deċiżjoni ta' qorti tal-appell fi proċedimenti dwar ksur tal-liġi amministrattiva ma tistax tiġi appellata u ssir eżekutorja fil-ġurnata meta tingħata.

Skont il-Liġi dwar il-proċedura amministrattiva (*Administratīvā procesa likums*), il-proċedimenti amministrattivi jinstemgħu fil-prim'istanza fil-binja tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva, sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor. Jekk il-proċedimenti jinstemgħu fil-Qorti Distrettwali Amministrattiva bħala l-qorti tal-prim'istanza, u dik il-qorti teħtieġ tivverifika informazzjoni relatata ma' kwistjoni ta' segretezza tal-Istat, il-proċedimenti jinstemgħu fil-Qorti Distrettwali Amministrattiva f'Riga. Jekk il-liġi tipprevedi li l-proċedimenti amministrattivi għandhom jinstemgħu fil-prim'istanza mill-Qorti Reġjonali Amministrattiva jew mid-Dipartiment tal-Kawżi Amministrattivi tal-Qorti Suprema minflok mill-Qorti Distrettwali Amministrattiva, ir-rikors rilevanti jrid jiġi ppreżentat lill-Qorti Reġjonali Amministrattiva jew lid-Dipartiment tal-Kawżi Amministrattivi tal-Qorti Suprema, skont il-każ. Parti fi proċedimenti amministrattivi tista' tressaq appell sħiħ kontra sentenza jew sentenza anċillari tal-qorti tal-prim'istanza, sakemm il-liġi ma tipprevedi illi dik is-sentenza ma tistax tiġi appellata, jew li trid tiġi appellata fil-kassazzjoni. Sentenza tal-Qorti Distrettwali Amministrattiva li tkun għadha ma saritx eżekutorja tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti Reġjonali Amministrattiva. Parti fi proċedimenti amministrattivi tista' tressaq appell fil-kassazzjoni kontra sentenza jew sentenza anċillari tal-qorti tal-appell, jekk il-qorti tkun kisret xi regoli sostantivi jew proċedurali jew eżerċitat is-setgħat tagħha b'mod *ultra vires* matul il-proċedimenti. Fil-qorti tal-prim'istanza, il-proċedimenti amministrattivi jinstemgħu minn imħallef uniku jew minn bord ta' mħallfin, filwaqt li f'qorti tal-appell – appell sħiħ jew appell fil-kassazzjoni – dawn jinstemgħu minn bord.

Il-Qorti Suprema tinkludi d-Dipartiment tal-Kawżi Ċivili, id-Dipartiment tal-Kawżi Kriminali u d-Dipartiment tal-Kawżi Amministrattivi. Id-Dipartiment tal-Kawżi Ċivili, id-Dipartiment tal-Kawżi Kriminali u d-Dipartiment tal-Kawżi Amministrattivi tal-Qorti Suprema huma l-korpi ta' kassazzjoni fil-kawżi kollha mismugħa minn qrati distrettwali jew tal-belt u mill-qrati reġjonali, u huma l-korpi tal-prim'istanza f'kawżi li jinvolvu deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat (*Valsts kontroles padome*) adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 55 tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat (*Valsts kontroles likums*). Fid-Dipartimenti tal-Qorti Suprema, il-kawżi jinstemgħu minn bord ta' tliet imħallfin jew, f'ċerti każijiet stabbiliti bil-liġi, f'kompożizzjoni estiża.

Bażijiet tad-data legali

L-isem u l-URL tal-bażi tad-*data*

[Il-Portal tal-Qrati Nazzjonali tal-Latvja](#)

[Is-sit web tas-servizzi elettroniċi tal-qrati Latvjani](#)

[Is-sit web tal-Qorti Suprema](#)

L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess huwa mingħajr ħlas.

Il-kontenut tal-bażi tad-*data* fil-qosor

Il-Portal tal-Qrati Nazzjonali Latvjani jipprovdi informazzjoni aġġornata ġenerali dwar il-qrati fil-Latvja.

Is-sit web tas-servizzi elettroniċi tal-Qrati Latvjani jippermettu lill-utent jaċċessa bażi tad-*data* ta' sentenzi tal-qorti anonimizzati, isegwi l-progress ta' proċedimenti ġudizzjarji b'mod elettroniku, iressaq talba elektronika quddiem qorti, jikkalkula l-kost tal-proċedimenti ġudizzjarji u tal-ħlas tas-servizzi bl-użu ta' kalkolatur tal-onorarji u tad-dazji, jirċievi u jimla formoli elettroniċi, u jaċċessa servizzi elettroniċi tal-qorti oħrajn.

Is-sit web tal-Qorti Suprema fih arkivju ta' deċiżjonijiet tal-ġurisprudenza li jipprovdi aċċess għal deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti Suprema u kollezzjonijiet ta' ġurisprudenza. L-informazzjoni tinsab fit-taqsimha Judikatūra ("Ġurisprudenza").

Sfond

L-informazzjoni ppubblikata fil-Portal tal-Qrati Nazzjonali Latvjani u d-deċiżjonijiet u l-kollezzjonijiet tal-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema ppubblikati fil-portal tal-Qorti Suprema attwalment huma disponibbli biss bil-Latvjan.

L-aħħar aġġornament: 27/11/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.